European Banking Authority

# PROGRAMM TA’ ĦIDMA 2025

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

SETTEMBRU 2024

EBA/REP/2024/20

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-programm ta' ħidma tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) jiddefinixxi u jistruttura kif l-awtorità għandha l-ħsieb li twettaq il-missjoni u l-mandati tagħha għas-sena li ġejja. Il-kompiti tal-EBA jirriżultaw mil-leġiżlazzjonijiet tal-UE u mir-regolament fundatur tagħha u jikkontribwixxu għall-prijoritajiet u l-istrateġiji usa' tal-Unjoni għas-settur finanzjarju. Dawn tal-aħħar ġew trasposti f'ħames prijoritajiet ġenerali li l-EBA adottat għal perjodu ta' tliet snin li jkopri l-Ġabra Unika tar-Regoli tal-UE, l-istabbiltà finanzjarja, id-*data*, is-sorveljanza tal-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali (DORA) u s-superviżjoni tar-Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi (MiCAR), kif ukoll l-imġiba u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/il-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT).

L-ewwel abbozz tal-programm ta' ħidma għall-2025 ġie approvat mill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA f'Jannar 2024 bħala parti mid-dokument uniku ta' programmazzjoni (SPD) tal-awtorità għas-snin 2025 sal-2027. Minn dak iż-żmien dan ġie kkomplementat u aġġustat fid-dawl tal-iżviluppi osservati s'issa matul is-sena, u b'kont meħud tal-Opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-SPD. Tqis ukoll il-gwida li waslet mill-Kumitat Konsultattiv dwar il-Proporzjonalità (ACP) tal-awtorità f'Ġunju 2024.

B'mod aktar speċifiku, fl-2025, l-EBA se tindirizza għadd kbir ta' mandati li jkopru varjetà ta' aspetti li jappartjenu għas-settur finanzjarju. L-implimentazzjoni tal-pakkett bankarju tal-UE (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR III) / id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD VI)) ser tirrappreżenta parti importanti mill-ħidma tal-awtorità u ser tkompli ttejjeb il-Ġabra Unika tar-Regoli tal-UE. L-analiżijiet, il-metriċi tar-riskju ewlenin u l-għodod li l-EBA twettaq fuq bażi regolari, kif ukoll l-irfinar kontinwu tagħhom, inkluż b'mod partikolari l-metodoloġija tal-ittestjar tal-istress tagħha, jikkontribwixxu biex tiġi żgurata stabbiltà finanzjarja bbażata fuq ir-riskju u li tħares 'il quddiem għal ekonomija sostenibbli. Ir-riskji għas-settur finanzjarju Ewropew li jirriżultaw minn żviluppi ekonomiċi, ġeopolitiċi u żviluppi strutturali oħra jeħtieġu attenzjoni speċjali. L-iffaċilitar ta' tranżizzjoni ordnata lejn settur finanzjarju sostenibbli u innovattiv jippreżenta sfidi addizzjonali.

L-2025 se tara wkoll li l-EBA tibda tassumi rwoli u responsabbiltajiet ġodda. L-ewwel nett, mal-bidu tas-sorveljanza ta' fornituri kritiċi ta' servizzi tal-IT ta' partijiet terzi fil-qafas ta' DORA, imfassla b'mod konġunt mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), u, it-tieni, mas-superviżjoni ta' fornituri sinifikanti tal-kriptoassi fil-qafas tal-MiCAR. Barra minn hekk, l-2025 se timmarka t-tranżizzjoni lejn qafas u awtorità ġodda tal-UE għall-AML-CFT (AMLA).

Minkejja dan ta' hawn fuq, jistgħu jkunu meħtieġa aktar aġġustamenti fi stadju aktar tard biex jirriflettu prijoritajiet ġodda tal-istituzzjonijiet tal-UE wara l-elezzjonijiet Ewropej f'Ġunju 2024, jew żviluppi ekonomiċi jew ġeopolitiċi ulterjuri. Bħal fis-snin li għaddew, l-ippjanar attwali tal-awtorità jinkorpora grad sinifikanti ta' flessibbiltà sabiex tadatta għal bidliet jew għal żviluppi ġodda. Tkun kompletament disponibbli sabiex tikkontribwixxi għal dawn il-bidliet jew żviluppi meta jiġu kkonfermati, bħal pereżempju enfasi possibbli mill-ġdid fuq swieq kapitali jew unjoni tat-tfaddil, f'koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib ma' istituzzjonijiet rilevanti oħra tal-UE. Bħas-soltu, se

jkunu kruċjali l-kollegament u l-kooperazzjoni adegwati mal-partijiet ikkonċernati tal-UE u mhux tal-UE.

Filwaqt li topera biss bi ftit aktar riżorsi umani u finanzjarji fl-2025 (li jirriżultaw mid-DORA u l-MiCAR, u r-rieżami tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Swieq Ewropej (EMIR)), l-EBA jeħtieġ li tipprijoritizza u talloka bir-reqqa l-persunal u l-fondi tagħha u taħsad kemm jista' jkun sinerġiji interni u esterni. L-ippjanar attwali jibbenefika minn bidliet introdotti fl-organizzazzjoni f'dawn l-aħħar snin kellhom l-għan li jżidu l-aġilità, isaħħu l-kapaċitajiet ta' ppjanar tagħha, u jadottaw teknoloġija moderna u effiċjenti. Dan se jappoġġa b'mod adegwat, bħal fis-snin preċedenti, kwalunkwe ħtieġa li jiġu aġġustati l-pjanijiet inizjali sabiex jirrispondu bl-aħjar mod għaċ-ċirkostanzi u t-talbiet li qed jevolvu.

Dan id-dokument jiddiskuti l-prijoritajiet tal-EBA fil-Kapitolu 1, b'ħarsa ġenerali qasira tal-prijoritajiet għall-2025-2027 segwita minn preżentazzjoni aktar dettaljata tal-prijoritajiet għall-2025. Imbagħad il-Kapitolu 2 jistabbilixxi x-xogħol taħt 19-il attività, miġbura fi tliet kategoriji: (i) ħidma ta' politika u konverġenza, (ii) valutazzjoni tar-riskju u *data* u (iii) governanza, koordinazzjoni u appoġġ. Kull attività hija marbuta ma' mill-inqas waħda mill-prijoritajiet ġenerali. Barra minn hekk, l-objettivi, deskrizzjoni qasira, kif ukoll l-outputs ewlenin li għandhom jitwettqu huma stabbiliti għal kull attività. Il-programm ta' ħidma tal-EBA huwa kkomplementat bi tliet annessi: organigramma, l-allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività għall-2025, u l-pjan ta' ħidma għar-rieżami bejn il-pari għall-2025-2026.

European Banking Authority

Tour Europlaza, 20 avenue André Prothin CS 30154
92927 Paris La Défense CEDEX, FRANCE

Tel. +33 1 86 52 70 00

email: info@eba.europa.eu

https://eba.europa.eu